VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,163, 8 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 392 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Afrika ta' Isfel)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Afrika ta' Isfel), u dan l-ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Afrika ta' Isfel), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 123.45

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-emendi għall-ordni prinċipali, kif speċifikati fil-Protokoll muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), saru mal-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika ta' Isfel;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-emendi għandu jkollhom effett wara li jidħol fis-seħħ il-Protokoll u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll;

(ċ) illi l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun mħabbra b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

(Artikolu 2)

PROTOKOLL
LI JEMENDA L-FTEHIM
BEJN
IL-GVERN TA' MALTA
U
IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-AFRIKA TA' ISFEL
GĦALL-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA
U
BIEX TIĠI EVITATA EVAŻJONI FISKALI
DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*
IFFIRMAT RUMA FIS-16 TA' MEJJU 1997

PREAMBOLU

Il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika ta' Isfel;

BILLI JIXTIEQU jemendaw il-Ftehim għall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, iffirmat Ruma, l-Italja fis-16 ta' Mejju 1997 (f'dan il-Protokoll msejjaħ "il-Ftehim");

FTEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU I

Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 għandu jiġi mħassar u sostitwit bil-paragrafu li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, tkun soġġetta għat-taxxa fih minħabba fid-domiċilju, ir-residenza, il-post tal-maniġġ ta' dik il-persuna jew kull kriterju ieħor ta' xorta bħal dawk u tinkludi ukoll dak l-Istat u kull sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu. Din il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tkun soġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat biss dwar *income* minn għejjun f'dak l-Istat.".

ARTIKOLU II

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 10 tal-Ftehim għandu jiġi mħassar u sostitwit bil-paragrafu li ġej:

"2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu jiġu intaxxati ukoll fl-Istat Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li qed tħallas id-dividendi tkun residenti u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) meta dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti tal-Afrika ta' Isfel lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju ta' dawk id-dividendi, it-taxxa li għandha hekk titħallas m'għandhiex teċċedi:

(i) 5 fil-mija mill-ammont gross tad-dividendi jekk is-sid benefiċjarju tkun kumpannija li jkollha mill-inqas 10 fil-mija tal-kapital tal-kumpannija li tkun qegħda tħallas id-dividendi;

(ii) 10 fil-mija mill-ammont gross tad-dividendi fil-każijiet l-oħra kollha.

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tal-Afrika ta' Isfel li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi m'għandhiex tkun iżjed minn dik li titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom bi ftehim reċiproku jiftiehmu dwar il-mod tal-applikazzjoni ta' dawn il-limitazzjonijiet.

Dan il-paragrafu m'għandux jaffettwa it-tassazzjoni tal-kumpannija għar-rigward tal-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.".

ARTIKOLU III

L-Artikolu 11 tal-Ftehim qed jiġi emendat billi:

(a) jitħassar il-paragrafu 3 u jiġi sostitwit bil-paragrafu li ġej:

"3. Minkejja il-provvedimenti tal-paragrafu 2, mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti għandu jkun eżentat mit-taxxa f'dak l-Istat kemm-il darba:

(a) min iħallas l-imgħax ikun il-Gvern ta' dak l-Istat Kontraenti jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu; jew

(b) l-imgħax jitħallas lill-Gvern tal-Istat Kontraenti l-ieħor jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu; jew

(ċ) l-imgħax jitħallas lill-Bank Ċentrali ta' dak l-Istat Kontraenti jew lill-Bank Ċentrali tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

(d) l-imgħax jitħallas lil kull istituzzjoni jew korp li tkun għalkollox proprjetà, direttament jew indirettament, tal-Istat Kontraenti l-ieħor jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) l-imgħax jinqala' dwar strument ta' debitu elenkat f'Borża rikonnoxxuta.";

(b) jiġi mdaħħal il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu 3:

"4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3(e), il-frażi "Borża rikonnoxxuta" tfisser:

(a) f'Malta, il-Borża ta' Malta;

(b) fl-Afrika ta' Isfel, il-Borża ta' Johannesburg;

(ċ) kull Borża oħra miftiehma bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti.";

(ċ) jiġu enumerati mill-ġdid il-paragrafi 4, 5, 6 u 7 bħala paragrafi 5, 6, 7 u 8 rispettivament.

ARTIKOLU IV

L-Artikolu 25 tal-Ftehim għandu jiġi mħassar u sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 25

SKAMBJU TA' INORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun prevista bħala rilevanti għat-twettiq tal-provvedimenti ta' dan il-Ftehim jew għall-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet domestiċi rigward taxxi ta' kull tip u għamla imposti f'isem l-Istati Kontraenti, jew is-sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali tagħhom, sakemm it-taxxa li taqa' taħthom ma tmurx kontra l-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artikoli 1 u 2.

2. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi ittrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni li tinkiseb taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istima jew il-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, id-deċizjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-paragrafu 1, jew għat-tħaris ta' dak ta' hawn fuq. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuh jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

3. F'ebda każ m'għandhom il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tkun tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess kummerċjali, jew informazzjoni, li meta din tiġi żvelata tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

4. Jekk tintalab xi informazzjoni minn Stat Kontraenti skont dan l-Artikolu, l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu juża l-mezzi li jkollu għall-ġbir ta' l-informazzjoni biex jiġbor l-informazzjoni mitluba, ukoll jekk dak l-Istat l-ieħor jista' ma jkollux bżonn dik l-informazzjoni għall-finijiet tiegħu ta' ġbir ta' taxxa. L-obbligazzjoni li tinsab fis-sentenza ta' qabel hija soġġetta għal-limitazzjonijiet tal-paragrafu 3 iżda dawk il-limitazzjonijiet m'għandhom f'ebda każ jiftiehmu bħala li jħallu lil xi Stat Kontraenti li jonqos milli jagħti xi informazzjoni biss għaliex ma jkollu ebda interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

5. F'ebda każ ma għandhom id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 jiftiehmu bħala li jħallu lil Stat Kontraenti jirrifjuta milli jipprovdi informazzjoni biss għaliex dik l-informazzjoni tkun qegħda tinżamm minn xi bank, minn xi istituzzjoni finanzjarja oħra, minn xi nominee jew minn xi persuna li tkun qegħda taġixxi f'xi kapaċita' ta' aġent jew fiduċjarju jew għaliex ikollha x'taqsam ma' xi interessi dwar proprjetá f'xi persuna.".

ARTIKOLU V

1. Kull wieħed mill-Istati Kontraenti għandu javża lill-ieħor bil-miktub, permezz ta' kanali diplomatiċi, li jkunu ġew mħarsa l-proċeduri meħtieġa mill-liġi tiegħu biex ikun jista' jibda jseħħ dan il-Protokoll, li għandu jagħmel parti integrali minn dan il-Ftehim.

2. (a) Bla ħsara għas-subparagrafu (b), il-provvedimenti tal-Protokoll għandhom japplikaw mid-data tal-bidu fis-seħħ tiegħu.

(b) l-Artikolu II tal-Protokoll għandu japplika mid-data tal-introduzzjoni fl-Afrika ta' Isfel tas-sistema tat-taxxa fil-livell tal-azzjonist fuq dividendi dikjarati. L-Afrika ta' Isfel għandha tavża lill-Malta bil-miktub, permezz ta' kanali diplomatiċi, li ġew mħarsa il-proċeduri meħtieġa mil-liġijiet tagħha biex tidħol fis-seħħ is-sistema tat-taxxa fil-livell tal-azzjonist fuq dividendi dikjarati fl-Afrika ta' Isfel, kif ukoll id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din is-sistema.

VERŻJONI ELETTRONIKA

ARTIKOLU VI

Dan il-Protokoll għandu jibqa' fis-seħħ sakemm il-Ftehim jibqa' fis-seħħ.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw u issiġillaw dan il-Protokoll f'żewġ oriġinali fl-ilsien Ingliż.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta, illum 24 ta' Awwissu 2012.

Tonio Fenech
Għall-Gvern ta'
Malta

Pravin Jamnadas Gordhan
Għall-Gvern tar-
Repubblika tal-Afrika ta' Isfel